# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 245/13/1 AGV**

**Karl Falzon kif debitament awtorizzat bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Charles Mangion**

**v.**

**Gemma Mangion**

1. B'rikors preżentat fit-3 ta' Frar, 2020, l-attur appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-14 ta' Jannar, 2020.

2. L-ewwel Qorti spjegat li l-fatti tal-każ huma dawn:

> *"Il-partijiet kienu zzewgu f'Mejju 1994, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel F, li twieled f'Lulju tal-1995. Id-dar matrimonjali kienet appartament fi*

*Triq Girolamu Cassar, Mosta, li kienet parafernali tar-ragel. CD kien tilef l-agenzija tad-ditta ta' prodotti li kien ibiegh fis-sena 2004, u minn dak iz-zmien kien ipprova diversi impiegi differenti u anke xi negozji privati, sa ma ddecieda li jsiefer lejn l-Ingilterra f' Gunju 2011, biex isib xoghol hemm. Qabel ma telaq halla prokura generali lill-mara tieghu, ED, biex tamministra l-proprjeta' taghhom. F'Mejju 2013, l-appartament tal-Mosta inbiegh minn ED bis-sahha tal-prokura li kellha, u l-partijiet fethu proceduri ta' medjazzjoni, u dawn iz-zewg kawzi kontra xulxin".*

3. Fid-19 ta' Novembru, 2013, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:

*"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti Mangion, li żżewġu nhar is-27 ta' Mejju 1994, minħabba li l-ħajja ta' bejn il-kontendenti ma għadhiex iżjed possibbli għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;*

*2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tqassam l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-konvenuta, occorrendo u jekk hemm bżonn li jiġu nominati Periti nominandi;*

*3.Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lura imgħaxijiet legali, dawk il-flejjes parafernali proprjeta tal-attur, li huma provenjenti mill-bejgħ tal-fond flat immarkat numru 1, Ampleside, Triq Glormu Cassar, Mosta u dan prevja u jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

*4.Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili"*.

4. Il-konvenuta wieġbet li ma topponix għat-talba għas-separazzjoni, iżda ssostni li l-ħtija hi tal-attur. Iddikjarat ukoll li taqbel mat-tieni talba, filwaqt li dwar it-tielet talba opponiet għaliex ħadet ħsieb lil binhom wara li l-attur abbanduna lill-familja. Għaldaqstant issostni li m'għandha tagħti xejn lill-attur. Dwar ir-raba' talba opponiet ukoll għaliex issostni li m'għamlet xejn ħażin sabiex il-qorti timponi fuqha s-sanzjonijiet kontemplati fl-Art. 42 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Bis-sentenza tal-14 ta' Jannar, 2020, l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba iżda bi ħtija esklussiva tal-attur; laqgħet it-tieni talba u tterminat il-komunjoni tal-akkwisti; ċaħdet it-tielet u raba' talbiet bl-ispejjeż kontra l-attur.

6. Konness mal-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza hemm l-appell fl-ismijiet **Gemma Mangion v. Karl Falzon nomine** (246/2013/1). Il-kawżi kienu qiegħdin jinstemgħu flimkien peress li jitrattaw dwar l-istess meritu.

7. Fit-3 ta' Frar, 2020, l-attur ippreżenta rikors tal-appell bl-aggravju jkunu li:

i. L-ewwel Qorti ma setgħetx tapplika d-dekadenza favur il-mara kontra r-raġel u tiddeċiedi li r-raġel m'għandu l-ebda kreditu parafernali kontra l-mara.

ii. Il-kreditu parafernal tal-attur kontra l-komunjoni tal-akkwisti m'għandu x'jaqsam xejn mal-valur ta' nofs l-akkwisti li saru bil-ħidma esklussiva tal-konvenuta u ma saritx prova dwarhom.

iii. Kienet żbaljata l-ewwel Qorti bil-mod li kkalkulat il-kreditu li qalet li l-mara kellha kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

8. Fil-21 ta' Ottubru, 2020, il-konvenuta wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Issostni li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi ġusta u għandha tkun konfermata.

L-ewwel aggravju.

9. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-attur argumenta:-

*"7. Illi fl-eżerċizzju ta' rendikont li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li għaddiet biex tqis il-kreditu li tgħid li kellha l-mara fil-konfront tar-raġel, u wara li tqis li l-akbar kontestazzjoni hi dwar il-bejgħ tad-dar matrimonjali, li kienet parafernali tiegħu. Din inbiegħet għall-prezz ta' €116,468.66, u minn dan ir-rikavat ir-raġel ma ħa xejn; minkejja dan il-Qorti tgħaddi biex tilqa' t-talba dwar id-dekadenza fil-konfront tar-raġel wara li qieset, skorrettament, li kien ħati ta' adulterju fil-konfront ta' martu, u għalhekk għaddiet biex tiddeċiedi illi l-Qorti taqbel mal-mara fejn tgħid li r-raġel m'għandu l-ebda kreditu favur tiegħu, salv li jiġu ritornati lilu l-oġġetti antiki u l-biċċiet ta' għamara antiki li kienu tiegħu parafernali u li tagħhom kien ipproduċa lista mingħajr valur.*

*.....*

*9.Illi fil-każ odjern, fl-eventwalita' li kellha tiġi applikata xi dekadenza, u suġġett għal dak li jingħad fit-tieni aggravju, dan bl-ebda mod ma kellu jfisser illi l-esponenti kien ser ikun qed jiddekadi mill-kreditu parafernali li għandu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*13. Illi bħal ma jidher mill-kopja legali tal-kuntratt, il-prezz tal-bejgħ ta' din il-proprjeta kien ta' €116,468.66. Illi minn din is-somma kellhom jitnaqqsu madwar €13000 li kien dejn li kien hemm eżistenti mal-Bank of Valletta bħala self, u kif ukoll self ieħor fl-ammont ta' €2000.*

*14. Dwar il-fatt li Gemma Mangion ħadet dawn il-flus xehed Anthony Cassar li kkonferma li l-prezz tal-bejgħ ta' dan il-fond kien għaddieh lil Gemma Mangion dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Dan ikkonfermatu l-istess Gemma Mangion meta xehedet fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016.*

*15. Illi l-Qorti stess tirrikonoxxi, u ġie sufficjentement ippruvat, illi l-proprjeta li kienet ġiet mibjugħa kienet proprjeta parafernali tal-*

*esponenti. Għaldaqstant, l-esponenti għandu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti kreditu parafernali ekwivalenti għar-rikavat mill-bejgħ ta' din il-proprjeta'.*

*16. Illi fl-agħar ipoteżi għall-esponenti, fl-eventwalita' biss li din l-Onorabbli Qorti kellha tqis li għandhom jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet tal-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili, allura jekk xejn hu jitlef il-jedd għan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru bil-ħidma tal-parti l-oħra – u dan biss minn wara d-data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun ikkunsidrata minnha ħatja għall-firda.*

*17. Illi l-kreditu parafernali tal-esponenti kontra l-komunjoni tal-akkwisti ċertament li m'għandu x'jaqsam xejn mal-valur ta' nofs l-akkwisti li saru bil-ħidma esklussiva ta' martu, li f'kull każ lanqas biss inġiebet prova tagħhom. Illi jekk xejn, kien ser ikun il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti li ġie ġġenerat bil-ħidma tal-mara li kien ser jiddekadi minnu r-raġel u mhux il-kreditu parafernali kollu tiegħu.*

*18. Illi f'kull każ, sabiex setgħet tapplika din id-dekadenza, l-Qorti kellha wkoll tistabbilixxi d-data minn meta l-parti għandha tkun ikkunsidrata ħatja tal-firda. Fl-ebda parti mis-sentenza ma hemm indikat minn meta l-esponenti qed jiġi meqjus li hu ħati tal-firda, u għaldaqstant, lanqas ma setgħu jiġu applikat fil-konfront tiegħu d-dettami tal-Art. 48(ċ)".*

10. Il-parti rilevanti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju taqra hekk:

*"Gemma Mangion qed titlob id-dekadenza favor taghha kontra r-ragel talli hu kkommetta adulterju, u talli abbanduna l-familja. Fil-fehma tal-Qorti, din it-talba ghandha tintlaqa' bis-shih kontra Charles Mangion. Il-fatti juru bic-car li hu abbanduna l-familja wara li kellu aktar minn relazzjoni wahda extra konjugali. Ghalhekk il-Qorti taqbel ma' Gemma Mangion fejn tghid li Charles Mangion m'ghandu ebda kreditu favor tieghu, salv li jigu ritornati lilu l-oggetti antiki u l-bicciet ta' ghamara antika li kienu tieghu parafernali u li taghhom kien ipproduca lista minghajr valur"*.

11. Il-fond matrimonjali (appartament fi Triq Ġilormu Cassar, Mosta) kien proprjeta` parafernali tal-attur. Fond li nbiegħ mill-konvenuta b'kuntratt tat-22 ta' Mejju, 2013, pubblikat min-nutar John Gambin (fol. 10). Fil-kuntratt jingħad li:

> *"Il-venditur xtara l-flat in vendita, qabel iż-żwieġ tiegħu mal-komparenti martu Gemma Mangion, mingħand Maria Buhagiar in forza ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Marthese Felice datat dsatax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992)"*.

12. Il-prezz tal-bejgħ tal-fond matrimonjali li kien proprjeta` parafernali tal-attur kien ta' €116,468.66. Flus li l-konvenuta stess iddikjarat li rċeviet (seduta tal-10 ta' Marzu, 2016, fol. 210).

13. Fis-sentenza l-ewwel Qorti spjegat li d-djun li tħallsu minn Gemma Mangion jew flus li ħa l-attur, huma fl-ammont ta' €76,031.34. Kompliet li jekk tnaqqas dik is-somma mill-prezz tal-bejgħ, jibqa' bilanċ ta' €40,437.32.

14. L-ewwel Qorti pero` ddeċidiet li t-talba tal-konvenuta għad-dekadenza tal-attur kellha tintlaqa'. Spjegat li l-fatt juru biċ-ċar li abbanduna l-familja wara diversi relazzjonijiet ma' nisa. Kompliet, *"Għalhekk il-Qorti taqbel ma' Gemma Mangion fejn tgħid li Charles Mangion m'għandu ebda kreditu favur tiegħu, salv li jiġu ritornati lilu l-oġġetti antiki u l-biċċiet ta' għamara antika li kienu tiegħu parafernali li tagħhom kien ipproduċċa lista mingħajr valur"*.

15. L-ewwel Qorti għamlet żball evidenti. Id-dar matrimonjali kienet proprjeta` parafernali tal-attur. Għalhekk l-impożizzjoni tad-dekadenza kontemplata fl-Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili ma seta' qatt kellha xi konsegwenza

negattiva għall-attur fuq dak li seta' fadal mir-rikavat tal-fond li kien proprjeta` parafernali tiegħu. Dan apparti li għandu raġun l-attur fl-ilment li l-ewwel Qorti naqset milli tistabbilixxi d-data minn meta l-attur kellu jkun ikkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda (Art. 48(1)(ċ) tal-Kodiċi Ċivili).

<u>It-tieni aggravju.</u>

16. F'dan l-aggravju l-attur ilmenta li l-ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata li tikkonkludi li kien ħati għas-separazzjoni.

17. L-attur isostni li ż-żwieġ kien tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba vjolenza, sevizzi, eċċessi, inġurji u adulterju li wettqet il-konvenuta. Spjega li l-konvenuta kienet għamlitlu ħajtu miżerja, sawtitu u kienet taħqru apparti t-theddid filwaqt li hu m'għamel xejn ħażin u ma kienx abbaduna lill-familja. Insista li l-ewwel Qorti kellha tikkonkludi li l-konvenuta kienet responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ.

18. L-ewwel Qorti rraġunat:

> *"Mill-assjem tal-provi prodotti mill-partijiet, il-verzjoni ta' fatti moghtija minn Charles Mangion ma tistax titwemmen. Hu jinnega ghal kollox li kellu relazzjoni ma' persuna jew persuni ohra, izda l-provi juru mod iehor. L-aktar prova li hemm kontrih hija l- istorja riprodotta fir-rivista 'Woman's Own'. Hija skuza ridikola u kwazi infantili li jaghti Charles Mangion meta jghid li dik l-istorja kienet biss ivvintata biex jithallas somma flus ghall-familja. Meta l-Qorti rat il-kartolina ta' Polly Marshall, u l-ittra u l-artiklu ta' Sue Tooke, flimkien mad-diversi konfronti li Gemma Mangion kellha mieghu dwar nisa ohra, hija hafna aktar kredibbli l-verzjoni moghtija mill-mara f' dan il-kaz. Il-Qorti hija konvinta*

> *li kien hemm abbandun tal-familja mir-ragel, flimkien ma' adulterju ghal aktar minn darba.*
>
> *Hija aktar verosimili wkoll il-verzjoni li taghti Gemma Mangion, rigward il-bejgh tad-dar matrimonjali taghhom, u ghalhekk jaghmel sens li Charles Mangion taha prokura generali ftit qabel ma telaq lejn l-Ingilterra. Il-fatt ukoll li r-ragel ma rritornax lura Malta, u li bejn Novembru 2012 u Ottubru 2014 baghat biss madwar seba' mitt Ewro (€700) lil Nathaniel huwa wkoll indikattiv ferm. Ghall-Qorti, ghalhekk, Charles Mangikon abbanduna lill-familja tieghu u mar jirresjedi fir-Renju Unit ma' terza persuna biex jibda hajja ohra hemm, u ta' dan jahti hu wahdu u ghandu jaghmel tajjeb ghalih hu wahdu wkoll".*

19. Il-qorti tibda biex tosserva li fl-atti hemm biżżejjed provi sabiex l-ewwel Qorti setgħet tikkonkludi li l-attur kien ħati ta' adulterju. L-artiklu pubblikat fir-rivista *'Woman's Own'* (Ottubru 2012) dwar relazzjoni li mara Ingliża (Sue Tooke) kellha mal-konvenut u hemm ritratti stampati tagħhom flimkien, u artiklu ieħor pubblikat fil-gazzetta *The Daily Mirror* (Novembru 2012, fol. 58) li fih l-istess persuna spjegat kif bdiet ir-relazzjoni tagħha mal-attur. Fl-artiklu pubblikat fir-rivista jingħad li r-relazzjoni bejn Tooke u l-attur bdiet fl-2010. Hemm ukoll l-ittra li l-konvenuta qalet li sabet u mibgħuta mill-istess persuna lill-attur (ara kopja tal-ittra a fol. 57), għalkemm l-attur jiċħad. Indizju ieħor li l-konvenut kellu relazzjoni adultera kien il-messaġġ li bagħat lin-neputija Diana Mifsud bil-kliem, *"finally weekend it is over. How I long to see you love"* (seduta tal-14 ta' April, 2015, fol. 100). Messaġġ li l-qorti fehmet li l-attur bagħat bi żball lin-neputija. Provi ċari li l-attur ma rnexxilux jirribatti b'mod kredibbli.

20. In kontro-eżami mistoqsi jekk il-persuna li tidher fir-ritratt hijiex l-istess persuna li rrefera għaliha fl-affidavit, wieġeb *"Għandi anke ittra mis-*

*Sur Tooke illi dik hija fittizja biex igħinuni”* (fol. 133). Ittra li l-attur baqa' ma ppreżentax bħala prova. Fl-affidavit xehed li l-artiklu nkiteb fuq inizjattiva ta' sid il-kera tiegħu (jirreferi għaliha bħala Mrs. Hopgood meta l-irċevuti tal-kera li ppreżenta mal-affidavit huma 'S.Tooke'):

> *“.... sabiex indaħħal l-fondi biżżejjed sabiex inkun nista' nkompli niżviluppa proġett bħala intellectual property protection sabiex inkun nista' nbigħ 'il quddiem, l-invenzjoni tiegħi bħala 'patent' lil dawk l-investituri li jkunu interessati sabiex jixtru know how u d-dritt li jipprovdu l-invenzjoni tiegħi”.*

21. L-attur ma ressaqx bħala xhud lil dawk il-persuni sabiex jikkorraboraw il-verżjoni li ta. Dan minkejja li xehed li ser jippreżenta affidavit tal-konjuġi Hopgood. Hemm biss il-kelma tal-attur li Sue Tooke fir-realta` hi sid il-kera (Hopgood) tal-attur. Għall-Qorti mhijiex kredibbli li min irid jgħin lil ħaddieħor imur jivvinta storja li għandha relazzjoni adultera miegħu (raġel miżżewweġ) u l-istorja tiġi pubblikata f'ġurnal u rivista popolari. L-attur sa wasal biex qal li martu kienet taf li l-istorja hi vvintata u saret bl-approvazzjoni tagħha. Madankollu l-konvenuta ma kkonfermatx dak li qal l-attur.

22. L-attur żied li b'dak l-artiklu kien ser ikun jista' jħallas għal xi *patent rights*. Ma ta l-ebda spjegazzjoni x'kienu dawk id-drittijiet. Il-fatt li l-pubblikazzjoni tal-artiklu fir-rivista 'Woman's Own' wassal sabiex Tooke jew l-attur jirċievu xi ħlas, ma jfissirx li l-istorja rrakkontata hi fittizja.

23. Din il-Qorti ma tlumx lill-ewwel Qorti li m'emmnitx l-ispjegazzjoni fqira li ta l-attur, u hi konvinta li gideb. Il-mod kif l-attur ipprova jiġġustifika dawk l-artikli, iwassalha sabiex tikkunsidrah bħala xhud mhux kredibbli wkoll f'dak li jikkonċerna l-akkużi li għamel fil-konfront ta' martu. Dan apparti li filwaqt li xehed li għamel diversi rapporti mal-pulizija dwar allegati inċidenti li qal li kienet tibda martu u qal li ser jippreżentahom, baqa' ma ppreżenta xejn.

24. L-attur isostni wkoll li m'abbandunax il-familja u anzi mar l-Ingilterra sabiex jipprovdi għall-familja. Il-provi ma jurux hekk. Mill-affidavit tal-konvenuta hu evidenti li wara li f'Ġunju 2011 l-attur telaq minn Malta fejn mill-ewwel beda ħajja oħra ma' Sue Tooke u ma reġax mar lura d-dar. Il-ftit flus li bagħat f'perjodu qasir żgur li ma kinux biżżejjed għall-bżonnijiet tal-konvenuta u binhom. L-attur stess in kontro-eżami kkonferma li lil martu lanqas biss ma ta indirizz fejn kien qiegħed jgħix. Il-qorti taqbel li f'dan il-każ kien hemm l-abbandun min-naħa tal-attur. Il-fatt li l-attur qal li l-konvenuta kellha n-numru tat-telefon tiegħu u kien jikkomunika magħha dwar it-tifel, jekk veru, ma jfissirx li ma kienx hemm abbandun. Li jgħid li, *"Dak li għamilt dejjem għamiltu għall-ahjar tal-familja tiegħi sabiex nikkampaw finanzjarjament"* mhu veru xejn għaliex matul is-snin ma baqax jipprovdi għall-familja. Il-qorti qrat ukoll l-affidavit tal-konvenuta, u d-dettall li fih isaħħaħ il-fehma tagħha li l-konvenuta hi kredibbli. Hekk per eżempju dwar dak li rrakkontat fir-rigward ta' Grace

Sciberras (ara paragrafi 36 sa 42 tal-affidavit). Hu veru li dik l-istess persuna ma kkorraboratx il-verżjoni tal-konvenuta, madankollu l-mod kif bdiet twieġeb mhuwiex kredibbli, li twieġeb 'ma niftakarx'. Pero` ċertu episodji persuna mhux ser tinsihom. Hekk per eżempju mistoqsija jekk l-attur qattx ta fastidju, wieġbet *"....ma niftakarx lanqas. Aktar naħseb li tiftakar l-istess Gemma Mangion x'ġara ħmistax-il sena ilu għax ir-raġel tagħha mhux ir-raġel tiegħi"*. Kliem li lill-qorti jikkonvinċiha li x-xhud ma riditx tgħid x'kien ġara. B'daqshekk il-Qorti mhijiex tgħid li l-attur kellu relazzjoni ma' dik il-persuna. Iżda minn dak li spjegat il-konvenuta hu evidenti li dak iż-żmien moħħu kien diġa' mhux fiż-żwieġ.

25. Il-Qorti tikkonkludi li l-attur ma ressaq l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn għandha tiskarta l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u tasal għall-konklużjoni differenti dwar min mill-partijiet hu ħati għat-tifrik taż-żwieġ.

<u>Tielet aggravju.</u>

26. F'dan l-aggravju l-attur spjega:

> *"46. Illi ibda biex l-ewwel Onorabbli Qorti qieset illi l-mara kellha kreditu favur tagħha fl-ammont ta' Lm9000 (€20,964.36) u somma oħra ta' Lm1000 (€2329.37) sempliċement gaħx kienet qalet hekk fl-affidavit tagħha. Wieħed kien jistenna illi self ta' din il-portata tal-inqas kien ser jiġi korrobarat b'xi sempliċi skrittura, jew tal-inqas b'konferma mingħand ommha illi fil-fatt kienet selfitha dan l-ammont. Ladarba dan is-self ma ġiex sufficjentement pruvat l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tistax tieħdu in*

*konsiderazzjoni – u f'kull każ dak is-self jekk xejn huwa kreditu ta' omm il-mara u mhux tagħha fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*47. Dwar is-somom inġenti li l-mara tgħid li ħallset jiġi sottolineat illi dwar l-ammonti li tħallsu lil ARMS u GO plc, jekk xejn il-mara għandha tkun intitolata għal nofshom u mhux għall-intier tal-ammonti li tħallsu.*

*48. Dwar il-bilanċ dovuti lill-banek dwar is-self li kien ittieħed, dawn jistgħu jinqatgħu mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar, b'dan illi l-bilanċ, li hu kreditu parafernali tar-raġel, jiġi mogtħi lura lilu mill-mara, bl-imgħaxijiet mid-data meta ħadet f'idejha dan l-ammont sad-data tal-pagament effettiv. Illi ladarba dawn il-bilanċi tħallsu lura mir-rikavat ta' dan il-bejgħ ta' proprjeta parafernali tiegħu, mhemm l-ebda raġuni għaliex issa r-raġel għandu jiġi kkundannat iħallas lura din is-somma għal darb'oħra lil martu, inkellha ser jiġi li ser ikun ħallas dan id-dejn darbtejn għall-ebda raġuni.*

*49.Dwar il-manteniment li llikwida il-Qorti, bid-dovut rispett, ma nġiebet assolutament l-ebda prova dwar l-ispejjeż li għamlet il-mara għall-bżonnijiet tat-tifel għalhekk wieħed diffiċilment jifhem kif il-Qorti sabet illi l-manteniment dovut kellu jkun dak ta' €400 mensili; u dan meta t-tifel kien jattendi skejjel governattivi fejn mhemm l-ebda ħlas. Illi bir-raġunament tal-Qorti, dan ifisser illi l-bżonnijiet tat-tifel, li jridu jagħmlu tajjeb għalihom ż-żewġ ġenituri, kienu jammontaw għal €800 fix-xahar. Mhemm l-ebda prova fl-atti li tqarreb lejn din is-somma. Għalhekk, jekk hemm xi somma ta' manteniment li għandha tiġi kalkulata, jekk xejn għandha tiġi kkalkulata fuq il-minuri li kien pagabbli dak iż-żmien, u ċioe' somma li li tqarreb €150 mensili u mhux iktar".*

27. Fl-affidavit il-konvenuta spjegat li kienet sabet il-bejgħ tal-appartament *"…. għax ma stajtx ngħaddi bil-paga tiegħi biss bla ebda għajnuna mingħand il-konvenut.[1] Bir-rikavat jien ridt inħallas id-dejn li ħalla f'żewġ banek, nieħu ħsieb il-bżonnijiet tat-tifel u nixtri l-affarijiet għall-ħajja…. Inoltre jien kelli inħallas id-dejn li kont għamilt ma' ħuti peress li kelli nissellef mingħandhom sabiex inħallas id-dawl u l-internet li kienu għadhom pendenti meta telaq l-intimat".*

[1] Hawn ix-xhud kienet qiegħda tirrefereri għal żewġha li kien konvenuta fil-kawża fl-ismijiet inversi, deċiża llum ukoll..

28. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"Illi skond ma jirrizulta mill-atti ta' dawn il-kawzi, fl-prezent ma hemm xejn fil- komunjoni hlief l-ghamara li kienet tinsab fid-dar matrimonjali. Din l-ghamara ma kienx hemm qbil dwar ta' min hi jew min ghandu kreditu fuqha.*

*Fl-affidavit taghha Gemma Mangion xehdet li ommha kienet tatha s-somma ta' disat elef Liri Maltin (LM 9000) ekwivalenti ghal kwazi wiehed u ghoxrin elf Ewro (€20,964.36). Ghalhekk, il-komunjoni ghandha dejn fil-konfront taghha f' dan l- ammont.*

*Oltre dan, omm Charles Mangion kienet tat lil Gemma Mangion is-somma ta' elf Lira Maltin (LM 1000), ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija, u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37). Anke dis-somma hi tghid li kien hadha Charles Mangion qatt ma raddha lura.*

*Il-vettura Citroen Saxo kienet inbieghet ghas-somma ta' Ewro 2,562.31, u kienet inxtrat matul iz-zwieg. Dawn il-flus Gemma Mangion tghid li r-ragel kien zammhom ghalih u hadhom mieghu l-Ingilterra.*

*Gemma Mangion tghid ukoll li kien hemm flejjes fl-ammont ta' LM 625 ekwivalenti ghal Ewro €1,455.86, li gew zbankati minnu u li kienu jappartjenu lil binhom Nathaniel. Dawn ghandhom jinghataw lilha fl-intier taghhom sabiex hi mbaghad tkun tista' tghaddihom lil bihom.*

*Fl-ahhar nett hi tghid li Charles Mangion ghandu jaghtiha somom ingenti ta' flejjes li hija hallset ghal dejn li kien parafernali tieghu, fosthom pagamenti fil-home loan , fl-overdraft, Legal Fees, u dejn iehor dovuti lil banek Bank of Valletta plc u HSBC Bank Malta, kontijiet mal-ARMS Limited u mal-GO plc. Minn meta hu telaq minn Malta Gemma Mangion hallset is-segwenti dejn li hu kien halla warajh;*

| | |
|---|---|
| *Bilanc mal-ARMS limited (qabel 2011)* | *Ewro 1175.33* |
| *Bilanc mal-Go plc (qabel 2011)* | *Ewro 332* |
| *Kontijiet mal-Go plc (minn2011 sa 2013)* | *Ewro 1035.88* |
| *Pagamenti fil-home loan* | *Ewro 2843* |
| *Bilanc fil-home loan* | *Ewro 4830.94* |
| *Pagamenti fl-overdraft* | *Ewro 8237.81* |
| *Bilanc fl-overdraft* | *Ewro 15044.48* |
| *Total Kontijiet* | *Ewro 33,499.44* |

*Illi minn meta telaq minn Malta fis-16 ta' Gunju 2011, Gemma Mangion tghid li r-ragel qatt ma hallas manteniment ghal ibnu, li dak iz-zmien kellu 15-il sena. Il-provi juru li ghal perjodu ta' sentejn, bejn Novembru 2012 u Ottubru 2014 kien hallas seba' mitt Ewro, madwar tletin Ewro fix-xahar. Fil-kawza hi qed titlob li zewgha ghandu jigi kkudannat ihallas*

*manteniment ghal binhom fl-ammont ta' Ewro 400 fix-xahar. Matul is-sena 2011 spicca mil-iskola sekondarja, Nathaniel beda kors full time ta' sentejn gol-MCAST, imbaghad beda kors iehor li dam sena. Nathaniel baqa' jistudja sakemm ghalaq 19-il sena. Ghalhekk qed titlob lill-Qorti sabiex ir-ragel taghha jigi ordnat ihallas manteniment ghall 3 snin u xahrejn, li bir-rata ta' 400 Ewro, jammonta ghal Ewro 15,200.*

*Oltre dan kien hemm spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni ta' Nathaniel, bhal ezempju lezzjonijiet privati tal-matematika li damu ghal madwar sena u nofs u li ghalihom hi kienet thallas 40 Ewro kull xahar, u li b' kollox jammontaw ghal Ewro 720.*

*Finalment Gemma Mangion tirrileva illi wara l-bejgh tal-fond matrimonjali hija necessarjament kellha tirrikorri fi spejjez sabiex issib residenza alternattiva ghaliha u ghal iben il-partijiet. Ghalhekk hi tissottometti li, tenut kont tal-ispejjez li hallset, tad-dejn li kellha taghmel tajjeb ghalih, hi m'ghandha taghti xejn lir-ragel bhala sehem mill-bejgh tad-dar matrimonjali.*

*Il-figuri kollha indikati hawn fuq igibu total ta' €76,031.34, li huma djun li hallset Gemma Mangion jew flejjes li ha Charles Mangion kif gia' deskritt. Jekk tnaqqas din il-figura mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, dak ta' €116,468.66, jifdal bilanc ta' €40,437.32.*

*Min-naha tieghu Charles Mangion ighid li hu ghandu kreditu favur tieghu ta' nofs il-valur ta' diversi bicciet ta' ghamara li kienu fil-fond matrimonjali, li kienu inxtraw fiz- zwieg u li dawn ma jafx x'sar minnhom. Il-valur ta' dawn l-oggetti, skond in-nota esebita minnu, huwa ta' €20,776.30. Kellu wkoll diversi oggetti parafernali tieghu, li taghhom kien ghamel lista minghajr valuri attribwit lilhom, li jghid li kienu tieghu u gew ghandu b'wirt jew donazzjoni.*

*Apparti dawn, l-akbar kontestazzjoni hi dwar il-bejgh tad-dar matrimonjali, li kienet parafernali tieghu. Din inbieghet ghall-prezz ta' €116,468.66, u minn dan ir-rikavat Charles Mangion ma ha xejn.*

*Gemma Mangion qed titlob id-dekadenza favor taghha kontra r-ragel talli hu kkommetta adulterju, u talli abbanduna l-familja. Fil-fehma tal-Qorti, din it-talba ghandha tintlaqa' bis-shih kontra Charles Mangion. Il-fatti juru bic-car li hu abbanduna l-familja wara li kellu aktar minn relazzjoni wahda extra konjugali. Ghalhekk il-Qorti taqbel ma' Gemma Mangion fejn tghid li Charles Mangion m'ghandu ebda kreditu favur tieghu, salv li jigu ritornati lilu l-oggetti antiki u l-bicciet ta' ghamara antika li kienu tieghu parafernali u li taghhom kien ipproduca lista minghajr valur".*

29. Meta taqra t-tieni affidavit li ppreżentat il-konvenuta (fol. 243) evidenti li l-ewwel Qorti aċċettat *lock stock and barrel* il-verżjoni li tat dwar ħlasijiet li qalet li għamlet u flus li tippretendi.

30. B'referenza għall-ammonti ta' €20,964.36 (Lm9,000) u €2,329.37 (Lm1,000), fit-tieni affidavit li ppreżentat il-konvenuta spjegat li l-ewwel somma kienu flus li ngħataw lilha mill-wirt ta' ommha. Flus li qalet li kienet tat lill-attur u ma tajhomliex lura. Spjegat, *"anke din is-somma l-konvenut kien ħadha u qatt ma tahieli lura"* (fol. 243). M'hemm l-ebda tagħrif dwar meta dik is-somma flus ingħatat lill-attur. Min-naħa l-oħra jirriżulta li b'kuntratt tas-27 ta' Frar, 1997, il-konvenuta flimkien ma' ħutha kienu biegħu immobbli u l-prezz kien Lm84,250. In kontro-eżami spjegat li b'referenza għas-somma ta' Lm9,000 ma kinitx tathom f'daqqa lill-attur; *".... kont niġbed il-flus mill-Bank u ngħaddihomlu cash. Dawn tajthomlu għall-business"*. Żiedet li, *"..... jien kont ngħidlu li dawk il-flus kienu wirt u li ridthom lura u kien igħidli li meta jkun komdu jtihomli"*. Fir-rigward ta' €2,329.37 qalet li kienet donazzjoni li ngħatat lilha minn omm l-attur. Spjegat li kienet poġġiet il-flus fil-Bank, *"..... pero' ma għandix dokument jew karta li turi li ommu kienet tatni dawk il-flus. Tagħthomli għax kont nieħu ħsiebha u dawn il-flus intużaw biex meta falla l-business ta' Charles huwa jħallas il-visa u mastercard"*.

31. Ma jirriżultax li meta xehed l-attur ikkontesta dak li xehdet il-konvenuta dwar dawk il-flus. Lanqas ma jirriżulta li sarulha domandi in kontro-eżami dwar l-istess. Għalhekk l-uniku prova li hemm hi l-verżjoni tal-konvenuta. Minn kliemha l-flus ingħataw lill-attur sabiex jużahom għan-negozju u sabiex jitħallas dejn li kellu fuq *credit cards*.

32. Il-konvenuta stess fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat, fir-rigward tas-somma ta' €20,964.36 iddikjarat li, *"33.... il-komunjoni għandha dejn fil-konfront tal-esponenti f'dan l-ammont"*. L-istess iddikjarat fin-nota li ppreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2013, fil-kawża 246/2013: *"In oltre, l-komunjoni għandha dejn fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' disat elef liri Maltin (Lm9000) pari għal għoxrin elf disa' mija erbgħa u sittin euro u sitta u tletin centeżmu ta' euro (€20964.36)"* (fol. 26). Pero` rriżulta kif fil-komunjoni tal-akkwisti m'hemmx likwidita`. Peress li d-dejn hu tal-komunjoni u ġid m'hemmx u meħud in konsiderazzjoni li sehem l-attur minn dak id-dejn hu n-nofs, dak in-nofs jitħallas lura lill-konvenuta mill-prezz ta' bejgħ tal-appartament (€10,482.18). Għal dak li jirrigwarda s-somma ta' €2,329.37 ma jirriżultax f'hiex nefaq dik is-somma l-konvenut ċjoe' huwiex għall-bżonnijiet tal-familja jew raġuni oħra. Għalhekk dak l-ammont kollu jrid jintradd lura lill-konvenuta mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament.

33. Fir-rigward tal-kontijiet tal-ARMS u GO plc, l-attur isostni li *".... jekk xejn il-mara għandha tkun intitolata għal nofshom u mhux għall-intier tal-ammont li tħallsu"*. F'dan ir-rigward is-somma likwidata mill-ewwel Qorti hi ta' €2543.21. Ma jirriżultax li dak id-dejn kien parafernali tal-attur. Fir-rigward tal-kontijiet tal-ARMS jirrizulta li d-dejn tħallas mill-konvenuta qabel inbiegħ il-fond. Semma il-kontribuzzjoni tal-attur kellha tkun nofs dak l-ammont. L-istess fir-rigward tal-kontijiet tal-Go plc. B'hekk sehem l-attur li kellu jħallas kien ta' €1271.61.

34. L-attur ilmenta wkoll dwar l-ammont ta' €15,220 li l-ewwel Qorti llikwidat bħala manteniment għat-tifel, peress li qiegħed isostni li s-somma ta' €400 hi eċċessiva. Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment. Mill-provi ma rriżultax li l-konvenuta kellha biżżejjed qligħ sabiex tmantni lilha nnifisha u fl-istess waqt tieħu ħsieb il-bżonnijiet tat-tifel. Min-naħa l-oħra mill-provi rriżulta li minn meta l-attur emigra lejn l-Ingilterra, il-flus li bagħat għat-tifel kienu ftit ħafna u żgur mhux biżżejjed sabiex jagħmel tajjeb għall-perjodu ta' ftit iktar minn tliet snin li matulu kellu l-obbligu li jmantni lil ibnu. Fiċ-ċirkostanzi tqis li dak l-ilment hu mingħajr bażi.

35. Il-qorti tagħmilha ċara li l-konsiderazzjonijiet tagħha huma limitati biss dwar dawk il-partiti li l-attur ilmenta dwarhom fir-rikors tal-appell.

36. Bażat fuq il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti f'dik il-parti tas-sentenza dwar il-komunjoni tal-akkwisti u dawk li saru minn din il-Qorti fir-rigward tat-tielet aggravju tal-attur, ifisser li mill-prezz tal-fond li nbiegħ u li kien proprjeta` parafernali tal-attur, irid jitnaqqsu dawn l-ammonti mill-prezz ta' €116,468.66:

| | |
|---|---|
| • Nofs is-somma ta' €20,964.36 | (€10,482.18) |
| • Is-somma ta' €2,329.37 | (€2,329.37) |
| • Citroen Saxo | (€2,562.31) |
| • Flus tat-tifel | (€1,455.86) |
| • Ħlasijiet lill-ARMS u Go plc | (€1,271.61) |
| • Dejn mal-banek | (€30,956.23) |
| • Manteniment għat-tifel | (€15,200) |
| • Privat | (€720) |
| Bilanċ li jifdal | **€51,491**. |

37. Il-bilanċ għandu jitħallas lura lill-attur peress li dawk huma flus parafernali tiegħu li l-konvenuta rċeviet bħala mandatarja tiegħu dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-appartament. M'hemmx prova li b'dawk il-flus il-konvenuta xtrat xi ħwejjeġ li saru jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (Art. 1321 tal-Kodiċi Ċivili). Wieħed irid jiftakar ukoll li l-konvenuta m'appellatx mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

38. Hu minnu li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti semmiet li l-konvenuta qalet illi wara l-bejgħ tal-fond matrimonjali kellha *".... tirrikorri fi spejjeż sabiex issib residenza alternattiva għaliha u għal iben il-partijiet"*. Madankollu ma ressqet l-ebda prova ta' dawn l-allegati spejjeż. Tant hu

hekk li l-ewwel Qorti ma llikwidatx ammont għal dawk l-allegati spejjeż.

Fl-affidavit qalet li:

> *"Bir-rikavat jien ridt inħallas id-dejn li ħalla żewġhi f'żewġ banek, nieħu ħsieb il-bżonnijiet tat-tifel u nixtri l-affarijiet għall-ħajja.... Jiena infurmajtu li ma kienx għad baqa' flus* *minħabba d-dejn pendenti li kien hemm u li ħalla warajh wara li abbandunana hawn Malta*. *In oltre, jien kelli inħallas id-dejn li kont għamilt ma' ħuti peress li kelli nissellef mingħandhom sabiex inħallas id-dawl u l-internet li kienu għadhom pendenti meta telaq l-intimat"* (fol. 53 tar-rikors 246/2013).

39. Prova ta' dak l-allegat self ma tressqitx. Fit-tieni affidavit il-konvenuta tat rendikont tad-dejn li ħallset u dan ittieħed kollu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell tal-attur sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sens li tħassar dik il-parti li ċaħdet it-tielet talba tal-attur u minflok tilqa' l-istess u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u ħamsin elf, erba' mija u wieħed u disgħin ewro (€51,491) bl-imgħax millum. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da